**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 189/2017**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Ahmad Yassine**

Illum 8 ta' Jannar 2020.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Ahmad Yassine, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 16152A, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-1 ta' Awwissu, 2016, gewwa l-Agenzija Appogg fi Triq San Luqa, Pieta:

1. Insulenta jew hedded lil Manar Yassine Barbara, jew jekk kien provokat, ingurja b'mod li hareg mill-limitu tal-provokazzjoni;
2. Gab ruhu b'mod li kien jaf jew messu kien jaf li ser jaghti fastidju lil Manar Yassine Barbara.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta' April, 2017, fejn il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi mputat hati tat-tieni akkuza kif dedotta mill-Prosekuzzjoni u lliberatu minnha, izda sabet lill-imsemmi mputat hati tal-ewwel akkuza w kkundannatu ghal gimgha detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Ahmad Yassine, pprezentat fid-19 ta' April, 2017, fejn talab lil din l-Qorti tikkonferma l-parti fejn illiberat lill-imputat hawn appellant minn kull

htija dwar it-tieni mputazzjoni u tilqa' dan l-appell billi tirriforma, thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi fil-parti fejn sabitu hati tal-ewwel imputazzjoni, u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena, jew alternattivament, f'kaz li l-Qorti xorta wahda ssib htija fil-konfront tieghu, timmodifika l-istess sentenza appellata, limitatament in kwantu ghall-piena billi tirrevoka l-piena nflitta u minflok tinfliggi piena anqas u alternattiva minn dik karcerarja.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, Ahmad Yassine, huma s-segwenti w *cioe'*:-

A. L-imputat ma seta' qatt jinstab hati li nsulenta lil Manar Yassine Barbara ghaliex din hija persuna li jew ma tezistix, jew ma jafx min hi;
B. Bil-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti, l-imputat appellant ma seta' qatt jinstab hati tal-ewwel imputazzjoni u dan *stante* li din ma rrizultatx mill-provi, u dan kif se jigi spjegat aktar 'l isfel;
C. Minghajr pregudizzju ghas-suespost u in linea sussidjarja, kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti taghzel li tikkonferma l-htija, l-piena nflitta hija f'kull kaz wahda eccessiva ferm.
D. L-imputat ma seta' qatt jinstab hati li nsulenta lil Manar Yassine Barbara ghaliex din hija persuna li jew ma tezistix, jew ma jafx min hi.

Jinghad bl-akbar rispett illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt issib htija ghal kwalunkwe 'insult' u 'theddid' maghmul fil-konfront ta' persuna b'isem Manar Yassine Barbara, u dan ghaliex persuna b'dan l-isem ma giet identifikata qatt. Huwa maghruf illi fil-proceduri ta' din ix-xorta, jehtieg illi l-elementi essenzjali, fosthom l-imputat, il-*Parte Civile*, d-data u l-lok jigu korrettement identifikati. Dik li identifikat ruhha bhala l-*Parte Civile* kienet Manar Yassine u mhux Manar Yassine Barbara. Jigi mtenni allura li persuna bl-isem ta' Manar Yassine Barbara ma tezistix, inkella l-esponenti appellant ma jafx min hi. Certament izda illi huwa ma seta' qatt jigi misjub hati li nsulenta u hedded persuna li ma tezistix u ghal dan biss ukoll, l-esponenti kellu jigi liberat.

Bil-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti, l-imputat appellant ma seta' qatt jinstab hati tal-ewwel imputazzjoni u dan *stante* li din ma rrizultatx mill-provi, u dan kif se jigi spjegat aktar 'l isfel;

Lil hinn minn dan u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinghad illi ghajr ix-xhieda ta' Manar Yassine (li jinghad kienet vaga ferm, evasiva u bl-ebda referenza ghad-dettalji li jehtieg fi proceduri ta' din ix-xorta), l-Prosekuzzjoni ma pprezentat l-ebda prova ohra. Dan f'avveniment li suppost sehh gewwa l-agenzija Appogg, fejn ikun hemm numru ta' addetti prezenti l-hin kollu. Kieku verament sehh dak li qalet Manar Yassine, ghaliex ma hemm hadd mill-impjegati tal-Appogg li gie pprezentat sabiex jikkonferma dan? Apparti hekk, fix-xhieda

taghha, Manar Yassine semmiet li l-imputat kien talabha biex forsi jirrangaw l-affarijiet, bla ma qalet kif dan il-kliem (kontestat) seta' qatt kien ta' nsult u theddid. Anke b'dan biss, il-kaz ma giex ippruvat.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, u in linea sussidjarja, kemm –il darba din l-Onorabbli Qorti taghzel li tikkonferma l-htija, l-piena nflitta hija f'kull kaz wahda eccessiva ferm.

Dan l-aggravju huwa minghajr pregudizzju ghall-aggravju precedenti u huwa ghaldaqstant wiehed sussidjarju.

Jinghad bl-akbar rispett illi fic-cirkostanzi kif spjegati meta kien qieghed jigi diskuss l-ewwel aggravju, piena karcerarja effettiva, in kwantu se tratta ta' kontravvenzjoni hafif ferm, kienet piena eccessiva. Kieku kellu jitqies illi l-provi prodotti jiggustifikaw sejbien tal-htija abbazi tal-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat appellant, jinghad illi xorta wahda, c-cirkostanzi ma kienux isejhu ghal piena karcerarja effettiva. *In oltre*, jinghad illi l-imputat appellant huwa l-uniku sors ta' manteniment ghal martu w uliedu. Fl-isfond tal-fatt illi bejn il-partijiet hemm erba' ulied li jehtieg illi jigu mitmugha u mantnuti, piena karcerarja certament ma sservi ta' gid ghal hadd. Anzi huwa fl-interess ta' kulhadd (inkluz ta' Manar Yassine) li l-imputat appellant jkun jista' jibqa' jikkontribwixxi ghall-htigijiet ta' martu w uliedu. L-esponenti ma jhossx il-bzonn illi jissottometti aktar dwar l-utilita' *o meno* ta' piena karcerarja f'cirkostanzi simili (u dwar dak li jghidu l-Qrati taghna dwar dan); biss jinghad minghajr pregudizzju ghall-aggravju precedenti li piena ohra anqas tkun dejjem wahda iktar idonea fic-cirkostanzi. Dan jinghad ukoll fid-dawl tal-fatt illi l-Qorti tal-Appell dejjem ghallmitna li piena karcerarja hija rarament idonea f'cirkostanzi ta' natura familjari. Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet ta' '*Il-Pulizija vs Milovan Camilleri*' – 9 ta' Awwissu, 2007:

Li din il-Qorti tara li ghandu rilevanza pero' hu l-fatt li l-appellant ghandu kondotta netta w li hu *first time offender* u li necessarjament xi darba jew ohra ser ikollu jiltaqa' mal-vittma ripetutament fil-futur minhabba relazzjoni familjari taghhom. B'sentenza ta' prigunerija, l-appellant wara erba' xhur jerga' jkun liberu w x'aktarx ser jerga' jigi in kuntatt ma' ohtu b'sens ta' *grievance* ghax hu mar il-habs minhabba fiha. Dan zgur mhux ser jghin biex jitjiebu r-relazzjonijiet familjari tal-vittma ma' huha w mal-genituri taghha, li kif fehmet din il-Qorti, aktar jiffavorixxu lill-appellant milli lil ohtu, huma x'inhuma r-ragunijiet ghal dan.

L-istess qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha ta' '*Il-Pulizija vs Stephen Azzopardi*' – 7 ta' Mejju, 2007:

Din il-Qorti, pero', rriflettiet fit-tul jekk il-piena karcerarja effettiva erogata mill-Ewwel Qorti f'dan il-kaz, fejn l-appellant u omm ibnu ser ikollhom jibqghu jiltaqghu wicc imb' wicc regolarment biex jaghtu t-tifel lil xulxin, hux ser tkun wahda li tkompli tezacerba r-relazzjonijiet ta' bejniethom b'dannu psikologiku

ghall-istess tifel minuri. Fic-cirkostanzi qieset li jkun fl-interess tal-partijiet kollha, mhux inqas tal-istess minuri li minflok piena karcerarja effettiva, din tkun sospiza ghall-itwal zmien possibbli skond il-ligi, bil-ghan li l-appellant ikollu x-xabla ta' Demokle mdendla fuq rasu biex trazznu milli jerga' johloq xi ncident fil-futur fl-inkontri ma' Christine Attard, li bilfors irid ikollu meta t-tifel jghaddi minn id wahda ghal id l-iehor u *vice versa* fil-hinijiet meta jibda' w jintemm l-access tal-appellant ghall-istess tifel minuri.

Ara wkoll is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' Marzu, 2007, fl-ismijiet '*Il-Pulizija vs Carmel Galdes*'.

Fil-verita wkoll, harsa lejn kawzi konsimili ghal dawk odjerni jixhdu sproporzjonament qawwi f'dak li solitament tinghata bhala piena u dik inflitta f'din il-kawza. Dan imur kontra *sentencing policies* illi l-Qrati ta' Gurisdizzjoni Kriminali taghna komunement jaddottaw – tant illi huma hafna s-sentenzi tal-Qrati ta' Gurisdizzjoni Kriminali taghna fejn imputati ma gewx ikkundannati ghal piena karcerarja effettiva minkejja li nstabu hatja *ai termini* tal-artikolu li bih gie mputat l-appellant. Filfatt, komunement u kif jirrizulta mill-prassi gudizzjarja, f'kazijiet bhal dawn ma tigix imposta sentenza karcerarja operattiva, izda *semmai*, wahda sospiza. Blackstone, fidatti jghid illi *"[...] the rationale for this rule (suspended sentence) was provided by Lord Parker CJ in O'Keefe [...]"* fejn gie mghallem illi:

*"[...] it seems to this Court that before one gets to a suspended sentence at all, the Court must go through the process of eliminating other possible courses such as absolute discharge, conditional discharge, probation order, fines and then so to itself; this is a case for imprisonment, and the final question, it being a case for imprisonment should be; is immediate imprisonment required or can a suspended sentence be given?"*

Bl-istess mod, Archbold, isostni:

*"[...] when a judge purposely postpones sentence so that an alternative to prison can be examined and that alternative is found to be a satisfactory one in all respects, the Court ought to adopt the alternative. A feeling of injustice is otherwise aroused. R. v. Gillam 2 Cr. App. R. (S) 267 CA."*

Huwa maghruf illi fl-ahhar snin, it-teorija tal-piena zviluppat sostanzjalment bl-intiza li f'certi cirkostanzi tevita milli ssakkar individwi gewwa l-habs meta jkun aktar jixraq illi tinghata piena ohra; f'dan l-ispirtu filfatt gew introdotti l-pieni bhal *probation*, il-*community service* u s-sentenza sospiza, b'dana li ssir enfazi akbar fuq l-ghan tal-piena u l-element riparatorju taghha milli fuq affarijiet ohra. Sahansitra sa qabel il-promulgar tal-Kodici Kriminali li ghandna llum, fid-dsatax -il seklu, akkademici (bhala per ezempju, Nicola Zammit), tkellmu fuq il-bzonn illi l-*focus* ma jkunx ir-reat imma l-awtur; dan huwa ezattament li qieghed jitlob bir-rispett l-appellant – u *cioe'*, analizi tac-cirkostanzi personali specifici tieghu ghall-ahjar interess tal-gustizzja.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi b'mod preliminari l-appellant jikkontendi illi huwa kellu jigi lliberat mill-ewwel akkuza billi l-persuna li ssir referenza ghaliha u cioe' l-allegata vittma tar-reat lilu hemmhekk addebitat ma tezistix. Ighid illi l-persuna bl-isem Manar Yassine Barbara ma hijiex l-persuna tal-parte civile f'dawn il-proceduri u allura giet indikata b'mod erronju b'dan illi l-prosekuzzjoni qatt ma tallbet korrezzjoni fl-akkuza sabiex tirratifika dan l-izball. Fil-mertu imbaghad jikkontendi illi huwa qatt ma insulenta jew hedded lil martu w li l-kliem li fil-fehma tal-parti leza gew minnu imlissna fil-konfront taghha ma jistghu qatt jikkkostitwixxu it-theddida jew l-insult li titkellem dwarha l-ligi billi din ghandha tirreferi ghal xi haga li se tigri fil-futur u mhux ghal passat. Dan apparti l-ahhar aggravju marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti li fil-fehma tal-appellant hija eccessiva.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta'dan il-kaz huma piuttost semplici fejn l-parti leza tikkontendi illi filwaqt li kienet qieghda gewwa l-bini ta'l-Agenzija Appogg flimkien ma' uliedha nhar l-1 ta' Awwissu 2016 għall-ħabta tal-hamsa ta' wara nofs in-nhar, zewgha l-appellant heddidha bil-kliem 'aħjar armejtek il-baħar b'sieqi'. In oltre stqarret illi l-appellant beda jigbed xi ritratti tagħha u tat-tfal. Il-pulizija tkellmu mal-appellant fejn hu ċaħad dan kollu u sussegwentement inħarġu l-akkużi kontra tiegħu.

Issa minn qari tal-akkuza ghandu johrog illi isem il-parti leza fl-ewwel akkuza gie indikat bhala Manar Yassine Barbara. Ma johorgx la mill-provi mismugha u lanqas mit-trattazzjoni 'il ghala hemm iz-zieda tal-kunjom Barbara wara isem il-parti leza. Issa l-artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali jirrikjedi illi:

*Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuża,* ***bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw.*** *Għandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mħarrka tonqos li tidher, hija tiġi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat.*

Illi meta tinqara ic-citazzjoni flimkien ma' din id-disposizzjoni tal-ligi, ma jirrizultax illi hemm xi nuqqas, tant illi l-appellant gie debitament innotifikat bil-fatti tal-kaz, fejn hemm indikat iz-zmien u l-lok tal-incident b'tali mod illi huwa seta' jgharaf in-natura tal-akkuzi lilu addebitati. Jikkontendi madanakollu illi huwa qatt ma seta ihedded jew jinsolenta lil Manar Yassine Barbara billi din il-persuna ma tezistiex. Jaghmel referenza għas-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Nicolai Magrin sabiex isahhah l-argument tiegħu.

Illi din il-Qorti tistqarr minnufih illi s-sentenza iccitata mill-appellant ma issibx applikazzjoni ghal kaz in dizamina fejn hemmhekk il-gudikabbli gie imharrek fuq l-istess kaz darbtejn u dan wara li hu gie illiberat fl-ewwel każ u umbagħad meta reġa tressaq, il-prosekuzzjoni kienet xlietu bl-istess akkużi bid-differenza tal-ħin tal-akkuża, li kien gie indikat erronjament meta tressaq quddiem il-Qorti fl-ewwel kaz. In oltre kien irriżulta illi l-ħin tal-allegat inċident li biħ kien akkużat Magrin, kien konsiderevolment differenti minn dak li attwalment irriżulta mill-provi prodotti u fid-dawl ukoll ta' dak dispost fl-artikolu 360(2) hu kien ħareġ illiberat tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Issa fil-każ in eżami isem il-parte ċivile ġie indikat tajjeb b'dan izda li zdied kunjom iehor wara isimha cioe' "Barbara" meta jidher illi l-parte ċivile hija unikament magħrufa bħala Manar Yassine. Madankollu dan l-izball fil-fehma ta' din il-Qorti m'hija xejn ħlief *lapsus calami* li bl-ebda mod ma jikkomprometti l-identita' tal-allegata vittma. In oltre minn ezami tal-atti proċesswali ghandu johrog illi n-numru ta' identifikazzjoni tal-persuna li ghamlet ir-rapport lil pulizija u abbazi ta' liema investigazzjoni inharrgu l-akkuzi kontra l-appellant jaqbel perfettament ma dak indikat wkoll fil-verbal datat is-7 ta' April 2017 wara li l-istess parte ċivile xehdet

quddiem l-ewwel Qorti.[1] Dan jerga' jigi kkonfermat quddiem din il-Qorti meta l-parti leza xehdet fis-seduta tat-30 ta' Ottubru 2019. M'hemmx dubbju lanqas illi l-appellant huwa l-ex raġel tal-parte ċivile u kwindi fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-aggravju ma jisthoqqlux akkoljiment billi biz-zieda tal-kumjom "Barbara" wara isem l-parte civile ma jbiddel xejn mis-sustanza tal-akkużi mressqa fil-konfront tiegħu. Konsegwentement l-ewwel aggravju qed jiġi miċħud.

Ikkunsidrat:

Illi sorvolat dan l-aggravju ta' natura proceduràli, din il-Qorti tqies illi il-kliem imlissen mill-appellant fil-konfront ta' martu Manar Yassine u cioe' *"aħjar armejtek il-baħar b'sieqi"* f'mument ta' rabbja ma jistax hlief jikkostitwixxi dak il-kliem ta' theddid li trid il-ligi u dan kif imfassal fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet il-Pulizija vs Joseph Frendo, din il-Qorti kif diversament ippresjeduta rriteniet illi:

> **'Fil-kuntest ta` l-artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali, theddida tfisser li l-agent jipprospetta lill-persuna ohra hsara ingusta fil-futur (liema hsara ma tkunx tammonta ghal reat iehor ikkontemplat band'ohra fil-Kodici), liema hsara tkun ukoll ipprospettata li tiddependi mill-volonta` ta` l-istess agent.'**[2]

Illi l-Qorti ma tistax tilqa' l-argument imqanqal mill-appellant illi l-kliem minnu imlissen kien jikkostitwixxi theddida li tirreferi ghal passat, billi fic-cirkostanzi illi nghad dan il-kliem huwa kien qed jesprimi x-xewqa ghal gejjieni li jsir dak li ma sarx fl-imghoddi. Tant hu hekk illi abbinat ma' dan id-diskors l-appellant beda jigbed ħafna ritratti ta' martu u ta' uliedha biex b'hekk fil-fehma ta' din il-Qorti dawn ghandhom jitqiesu bħala ġesti illi jsaħħu din it-theddida billi l-imgieba tieghu bdiet tiehu xejra minnacjuza. Kwindi dan l-aggravju qed jigi michud ukoll.

Ikkunsidrat:

Illi jifdal biss l-aħħar gravam imqajjem sussidjarjament mill-appellant fir-rigward tal-piena mposta fuqu illi fil-fehma tiegħu hija waħda eċċessiva u sproporzjonata u li

---

[1] Folio 24 tal-atti proċesswali.

[2] Deċiża nhar is-7 ta' Lulju 1995 mill-Qorti tal-Appell Kriminali kif ippreseduta mill-Imħallef Vincent Degaetano.

ser twassal sabiex mhux hu biss izda anke familtu ser ibatu minhabba li mhux ser jkun jista' jipprovdi ghall-ghejxien taghhom jekk ikun detenut il-habs. Jibda biex jingħad illi l-piena kif imposta ta' ġimgħa detenzjoni tinsab fil-parametri tal-liġi. *Di piu* l-Qorti, wara li anke ezaminat il-fedina penali tal-appellant minn fejn jirrizulta illi din mhijiex l-ewwel okkazzjoni fejn huwa hedded lil martu, ma tarax għalfejn għandha tiddisturba n-natura w il-*quantum* tal-piena mposta mill-Ewwel Qorti, illi fiċ-ċirkostanzi hija waħda idonja. L-appellant ghandu igharaf illi l-imgieba ta' konfrontazzjoni u vjolenza fil-konfront ta' martu w uliedu ghandha tieqaf minnufih u jekk huwa mhux ser igharaf jiddesisti minn din l-imgieba devjanti, ma ikunx hemm triq ohra ghal Qorti hlief li timponi dik il-piena l-aktar idonja sabiex thares is-sigurta ta' martu u ta' uliedu.

Għal dawn il-motivi l-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur